# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu, 2001**

**Numru 75**

**Citaz. Nru. 2605/97GV**

**Doc. Nru. 36-01**

**Mary Cachia**

**vs**

**Carmelo Abela u Raymond Cachia u b'digriet tas-26 ta' Gunju, 1998 giet kjamanta in kawza Carmen Abela, mart il-konvenut**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-attrici ippremettiet illi b'sentenza moghtija fid-disgha w ghoxrin (29) ta' Mejju, 1996 fl-ismijiet Carmelo Abela vs Raymond Cachia l-imsemmi Raymond Cachia gie kkundannat jhallas lill-konvenut odjern is-somma ta' elf, mija u sebgha u disghin lira (Lm1,197) rappresentanti xoghol li dan l-konvenut odjern kien ghamel lil Raymond Cachia.

Premess illi permezz ta' mandat esekuttiv mahrug kontra l-imsemmi inqabdu diversi oggetti li huma proprjeta' parafernali tal-attrici Mary Cachia.

Premess illi permezz ta' avviz li irceviet illum tlettax (13) ta' Novembru, 1997 l-imsemmija attrici Mary Cachia giet infurmata li nhar il-Hamis, ghoxrin (20) ta' Novembru, 1997 ser jsir il-bejgh fis-subbata tal-oggetti taghha.

Premess illi hija ghandha interess li dan il-bejgh ma jsirx billi ser jinbieghu oggetti li ma jappartjenux lill-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk l-esponenti qeghda tipprocedi sabiex dan il-mandat ta' qbid u l-atti l-ohra sussegwenti jigu dikjarati nulli u minghajr effett.

L-attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara li l-mandat ta' qbid u l-atti sussegwenti li saru ghall-bejgh bis-subbasta li qeghda iffissata ghad-data tal-ghoxrin (20) ta' Novembru, 1997 huma irriti u nulli billi hemm ghal bejgh diversi oggetti tal-proprjeta' parafernali tal-attrici li ma ghandhomx jigu mibjugha billi t-titolu esekuttiv ottenut kien kontra l-komunjoni tal-akkwisti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Carmelo Abela a fol 8 fejn eccepixxa illi:

1. Preliminarjament illi l-gudizzju mhux integru stante illi mart l-eccipjenti "Carmen Abela" mhiex parti fil-kawza.

2. Illi c-citazzjoni hija nulla peress illi l-oggett taghha mhux car; l-attrici ma tirreferi ghal ebda mandat ta' qbid specifiku u anqas ghal subbasta specifika, u wisq anqas ma esibiet kopja tal-istess atti, u inoltre ma saret ebda lista ta' beni parafernali specifiki li ghalihom ssir riferenza fic-citazzjoni.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet a fol 11;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

L-attrici qed titlob li dina l-Qorti tiddikjara li l-mandat ta’ qbid u l-atti sussegwenti li saru ghall-bejgh bis-subasta li qeghda ffissata ghad-data ghoxrin (20) ta’ Novembru, 1997 huma irriti u nulli billi hemm ghal bejgh diversi oggetti tal-proprjeta’ parafernali ta’ l-attrici li m’ghandhomx jigu mibjugha billi t-titolu esekuttiv ottenut kien kontra l-komunjoni ta’ l-akkwisti.

**ECCEZZJONIJIET**

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Carmelo Abela giet sorvolata bid-digriet a fol 11. Carmen Abela giet notifikata (ara fol 12 a tergo) u baqghet kontumaci. L-istess baqa’ l-konvenut l-iehor Raymond Cachia.

Il-konvenut Abela eccepixxa wkoll li c-citazzjoni hija nulla peress illi l-oggett taghha mhux car. L-attrici ma tirreferi ghal ebda mandat ta’ qbid specifiku u anqas ghal subasta specifika, u wisq anqas ma ezibit kopja ta’ l-istess atti u inoltre ma saret ebda lista’ ta’ beni parafernali specifici li ghalihom issir riferenza fic-citazzjoni.

**PROVI**

L-attrici xehdet li kienu inqabdu diversi oggetti bil-mandat numru 2478/96 li kienu inghataw lilha b'dota. Parti minn dawn l-oggetti hi xtrathom bi flusha billi qabel iz-zwieg kienet tahdem. Ix-xhud xehdet li qed tezibixxi lista ta' dawn l-oggetti izda fil-fatt ma giet ezibita ebda lista.

Mistoqsija fuq kontroezami, hi wiegbet li damet sena u nofs wara l-mandat biex ghamlet il-kawza ghax l-affarijiet jiehdu fit-tul. Hi ma wiegbetx jekk kienetx ghamlet kawza ghaliex ix-xoghol kien sar hazin.

Raymond Cachia xehed li l-proprjeta maqbuda hi tal-mara.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-attrici f'dina l-kawza ma gabet ebda prova dokumentarja, la dwar il-mandat ta' qbid u lanqas dwar is-subasta. Ma gabet ebda indikazzjoni dwar l-oggetti li nqabdu bil-mandat, liema kienu dota, u liema xtrat hija. Lanqas ma gabet ricevuti biex tipprova dana.

"F'kawzi civili l-attur li jallega  xi haga … irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti …. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax - ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova -  Dan mhux ghaliex il-tort ikun tal-attur imma semplicement ghaliex ma jkunx irnexxilu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu." (Ara Dr.H.Lenicher vs J.Camilleri 31/3/72 PA RF ).

Fil-kaz in ezami ghalhekk il-Qorti tiddeciedi li l-attrici ma rnexxiliex tipprova dak li qed tallega bhala fatti li huma l-bazi ta' l-azzjoni taghha, dana apparti l-konsiderazzjoni li f'dana l-kaz jista' anke japplika l-artikolu 1330 tal-Kap 16 fejn l-konvenut setgha jagixxi kontra l-attrici in subsidium.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi prevja li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut tichad it-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-attrici.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**